MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55

21 ta' Diċembru 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.34pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sur Remigio Bartolo li daħal ftit tard. Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet talba.

## 55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

55.1.1 Is-Sindku qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

55.2.1 L-Avukat Silvio Schembri ġibed l-attenzjoni u xtaq jiċċara li f'item 54.4.3 kien għamel riferenza fuq ix-*shrubs* li hemm mal-ħajt tal-*industrial estate* u mhux fuq ħofra. Il- Minuti tal-laqgħa Nru. 54 ġew ikkoreġuti u approvati.

## 55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

55.3.1 *Xogħol fuq l-Uffiċini l-Ġodda*

Is-Sur Cordina ta rendikont ta' kif inhu għaddej l-andament tax-xogħol u f'hiex waslu. Spjega li minħabba li daħal ammont konsiderevoli ta' ilma tax-xita, il-Perit giegħel lill-kuntrattur jerġa' jaqla' kollox minħabba negliġenza min-naħa tagħhom. L-aperturi ġew installati, il-*gypsum boards* se jerggħu jiġu nstallati, parti mill-*membrane* kellu jerġa' jinqala'sabiex isir il-konkos sew u jerġa' jsir il-*membrane* u l-kisi kellu jerġa' jsir kif ġie mitlub mill-Perit. Qal ukoll li l-kuntrattur bgħat imejl sabiex jingħaddilu pagament ta €100,000 tax-xogħol li sar, filwaqt li l-Perit iċċertifikalu ix-xogħol li għamel li ma kienx jammonta għal dik iċ-ċifra. Is-Sur Cordina qara l-imejl tal-Perit fejn ta spjegazzjoni tax-xogħlijiet. Il-Perit qal li għandu jitħallas biss parti miċ-ċifra li ntalbet lill-Kunsill li tammonta għal €50,000. Is-Sur Bonnici saqsa jekk il-Perit iċċertifikax ix-xogħlijiet li saru ħżiena? Is-Sinjura Mifsud spjegatlu li l-Perit iċċertifika biss ix-xogħol li sa dak il-mument sar tajjeb. Fejn kien ħażin ġagħlu jaqla' kollox kif diġà qal is-Sur Cordina.
Is-Sur Remigio Bartolo daħal f'dan il-mument 5.45pm.

Is-Sinjura Mifsud qalet li dan it-tender kellu sitt xhur biex jitlesti. Is-Sur Cordina infurmahom li mit-30 ta' Novembru il-kuntrattur beda jeħel €100 penali kuljum sakemm ilesti. Is-Sur Bonnici saqsa meta għandu jkun lest? Is-Sinjura Mifsud qalet li l-kuntrattur qal li sa Frar 2023 għandu jkun lest.

Is-Sur Giorgio Schembri saqsa jekk qatt inħarġulux xi tip ta' *warnings* peress li waqa' lura fix-xogħol. Is-Sinjura Mifsud qalet li l-Perit kien jiġri warajh u jibgħatlu imejls regolari. Sa Ottubru 2022 kienu qabdu ritmu sew u ftit wara reġgħu waqfu u kellu jintervjeni is-Sindku biex jitkompla ix-xogħol. Kien għalhekk li inħarġitlu *default notice*. Is-Sur Schembri saqsa jekk il-Perit infurmax lill-kuntrattur li ċ-ċifra li talab hu ma tirriflettiex ix-xogħol li sar. Is-Sinjura Mifsud qalet li l-kuntrattur ġie nfurmat kif ukoll il-konsulent tiegħu. Saqsa jekk sarulux xi pagamenti

bis-Sinjura Mifsud tirrispondi lile u li dan hu l-ewwel pagament. Is-Sur Schembri qal li l-kuntrattur qed jammetti b'dan l-għaġir li qiegħed fl-iżball.

Is-Sur Bonnici intervjena fejn qal li l-kuntrattur kellu Sajf sħiħ biex jagħmel il-kontrabejt u xorta ma sarx.

Is-Sur Mangion xtaq jiġbed l-attenzjoni li għalkemm mhix fir-responsabbiltà tal-Kunsill xtaq jgħaddi kumment rigward is-saħħa u s-sigurtà. Is-Sur Cordina qal li dak huwa f'idejn il-kuntrattur. Hu jmur tliet darbiet kuljum jiċċekkja f'hiex waslu. Semma kif darba minnhom kien anke se jaqa' sular bis-sellum u li anke l-Perit qed imur *on site* spiss. Iktar minn hekk min-naħa tiegħu ma jistax jagħmel. Huwa kompla jgħid li fejn jidħlu responsabbli bħalha Kunsill bħal fil-każ ta' Ġnien l-Istazzjon tqabbad *Health and Safety Officer* fejn dan ħejja rapport. Hu qal li mhux lest li jerfa' l-ebda responsabbiltà biex jidher ikrah għal dan il-kuntrattur. Qal kif f'*chat* privata wasal biex qallu l-irħis għoli u fakkarhom li dan kien appella u rebaħ it-tender meta il-Kunsill kien aġġudikah li t-tieni offerent. Qal ukoll li mhux se jittollera li x-xogħol isir ħażin. Is-Sinjura Mifsud qalet pagamenti isiru biss fuq dak li jiċċertifika l-Perit.

L-Avukat Brincat irrimarka li jekk fil-kuntratt hemm imniżżel li għandu jitħallas tax-xogħol li jkun sar allura dan għandu jitħallas safejn ikun lest.

Is-Sur Schembri saqsa x'data kellu ir-rapport tal-Perit bis-Sinjura Mifsud twiegeb li d-data kienet il-21 ta' Dicembru u d-data ta' meta l-kuntrattur bgħat il-kont kienet taqra ġurnata qabel. Filwaqt li rringrazzja l-Perit tax-xogħol siewi li qed jagħmel mal-Kunsill irrimarka li mhix ħaġa faċli li tiċċertifika kont f'ġurnata. Is-Sinjura Mifsud qalet li ma kienx hemm f'hiex titfixkel ġaladarba mar fuq il-post u ra x-xogħlijiet li kienu saru. Saqsa wkoll jekk hux se jiġi mnaqsa l-penali? Is-Sur Cordina qal li ma tistax issir. Is-Sinjura Mifsud qalet li dawk jitnaqqsu mill-aħħar kont.

L-Avukat Brincat qal li huma jafu kemm hi l-multa kuljum. Għaldaqsatant il-Kunsill għandu jassigura ruħu li mill-aħħar pagament ikun hemm minn fejn jinqatgħu il-multi.

Is-Sur Cordina qal li wasal biex jgħid lill-kuntrattur li kemm-il darba dan ma jlestiex fil-ħin u jispiċċaw bla saqaf għax jista' jagħti l-każ li l-post fejn qegħdin issa jinbiegħ jwaħħlu l-ispiża tal-kiri wkoll.

Sar qbil biex titħallas is-somma ta' €50,000.

### 55.3.2 *Attard Ladies Cultural Club*

Is-Sur Cordina qal li rcieva imejl min-naħa tal-Attard Ladies Cultural Club rigward għajnuna fil-kors tal-*First Aid*. Spjega kif qabel ingħalaq kullimkien minħabba l-Covid laħqet saret lezzjoni waħda biss u għalhekk qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux f'pożizzjoni li joffri għajnuna sabiex isir il-kors. Qal li jekk jaqblu jista' jiċċekkja mar-Reġjun jekk joffrux dan it-tip ta' kors. Hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex jingħataw din l-għajnuna. Kulħadd qabel.

55.3.3 *Lifelong Learning Courses 2023/2024*

Is-Sinjura Mifsud tat spjega rigward il-korsijiet tal-*Lifelong Learning* li se jibdew f'Ottubru tas-sena 2023. Qalet li għal dawn l-aħħar tliet snin kien qed isir il-kors tal-ganutell fejn irrikorew tajjeb għalih. Kien hemm ukoll il-kors tal-*Maltese Language for foreigners*, *English Language for foreigners* kif ukoll il-Maltese Bobin. Ser tintbghat il-lista tal-korsijiet lill-Kunsilliera sabiex jaħsbu fuq liema korsijiet għandna napplikaw.

## 55.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

55.4.1 L-Avukat Caruana

- Qalet li għadha kemm irċeviet korrispondenza mingħand xi ħadd li jogħqod fi Triq il-Kappella tal-Mirakli minħabba nuqqas ta' bankini. Ġie spjegat li minħabba għalqa li qegħda sporġuta l-barra u l-parapetti tan-nies ma tistax issir bankina għax tidjieq it-triq u minn hemm jgħaddi it-Trasport Pubbliku.

55.4.2 Il-Perit Giorgio Schembri

- Semma li għandu nformazzjoni rigward binja li hemm fi Triq Antonio Schembri, li s-Sid ser japplika għal *dangerous structure* u li se jkollu jtella' *boundary wall* fuq il-bankina. Għandu jinforma lill-Kunsill qabel jibda ix-xogħol.

55.4.3 L-Avukat Brincat

- Irrefera għall-inizjattiva *Generators of Hope* rigward ġbir għall-familji mill-Ukrajina. Saqsa jekk tistax isir xi inizjattiva min-naħa tal-Kunsill flimkien mal-għaqdiet tal-lokalità biex jinġabru xi fondi. Is-Sur Cordina spjega li għal dis-sena il-Bazaar sar b'Risq il-*Hospice Malta*, bħalma jsir kull sena b'risq xi entità differenti. Qal li jista' jsir avviz li Kunsill se jkun qed jilqa' donazjonijiet u tinħareġ irċevuta għal kull donazzjoni li tidħol. Is-Sur Brincat għandu jiċċekkja ma' xi Kunsilli oħra sabiex jara kif gabru il-fondi.

## 55.5 Approvazzjoni ta' Baġit 2023

55.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għalkemm hemm imniżżel fl-Agenda l-Approvazzjoni ta' bagit 2023 dan huwa biss *draft* u għandu jiġi emendad minħabba li għad m'hemmx indikazzjoni kemm se tkun l-ispiża tal-ġbir tal-iskart. Qalet li d-differenza bejn l-allokazzjoni ta' dini s-sena u dik ta' qabel hi ta' €10,000. Spjegat fid-dettal kif din id-differenza intefgħet kollha fuq spejjeż ta' amministrazzjoni item 4.  Hi kompliet tgħid li minn item 1 sa item 3 tisbieħ ta' parki u ġonna, manutenzjoni ta' toroq u immaniġġjar ta' skart ma nbidel xejn w'għaldaqstant il-baġit se jirrifletti l-istess figuri.  Kompliet tgħid li mis-sena l-oħra kien hemm uħud mill-affarijiet ta' kuljum li żdiedu u tat indikazzjoni ta' kif se jiġi mqassam il-bagitskont din it-tabella:

## L-Allokazzjoni Finanzjarja Diretta skont l-Artiklu 55 tal-Att

1. **Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna**

| | |
|---|---|
| Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna | €38,524 |
| Fond għal-Latrini Pubbliċi | €17,494 |

2. **Manutenzjoni tat-Toroq**

Tiswija u Manutenzjoni ta' toroq:

| | |
|---|---|
| Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | €157,524 |
| Mhux Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | €10,434 |
| Knis ta' Toroq Urbani | €106,550 |
| Tindif ta' Toroq Mhux Urbani | €4,637 |

3. **Immaniġġar tal-Iskart**

| | |
|---|---|
| Ġbir ta' Skart u Bins on Wheels | €201,869 |
| Waste Tipping Fees | €69,691 |

4. Spejjeż ta' Amministrazzjoni €221,787

TOTAL 828,510

Il-Baġit finali għandu jitressaq għall-approvazzjoni tagħhom fil-laqgħat li ġejjin.

## 55.6 Rapporti

55.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 55.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

55.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni 6 t'ijiem *leave* li l-ħaddiema sa jġeddu għas-sena d-dieħla. Dan ġie approvat.

## 55.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

55.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li daħlet 2 pagamenti oħra wieħed tad-dawl u l-ilma tad-drip irrigation li hemm fi Triq il-Linja u l-ieħor kont tat-tisbieħ tal-ġonna tax-xahar ta' Novembru.

L-Iskeda ta' pagamenti ġiet approvata wara li s-Sur Cordina saqsa għall-proponent u sekondant fejn ivvolontarjaw is-Sur John P. Bonnici Proponent u l-Avukat Caruana Sekondant.

## 55.9 Mozzjonijiet; u

55.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 55.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

55.10.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.12pm u ġiet aġġornata għat-25 ta' Jannar 2023 fis-5.30pm

Konfermati, illum 25 ta' Jannar 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |